015-005-00-3	magnesium phosphide; trimagnesium diphosphide	235-023-7	12057-74-8	F; R15/29 T+; R26/28 Xn; R21 R32 N; R50	F; T+; N R: 15/29-21-26/28-32-50 S: (1/2-)3/9/14/49-8-22-30-36/37-43-45-60-61	N; R50: C \geq 0,25 %	
015-123-00-5	fenamiphos (ISO); ethyl-4-methylthio-m-tolyl isopropyl phosphoramidate	244-848-1	22224-92-6	T+; R26/28 T; R24 Xi; R36 N; R50-53	T+; N R: 24-26/28-36-50/53 S: (1/2-)23-26-28-35-36/37-45-60-61	N; R50-53: C \geq 0,25 % N; R51-53: 0,025 % \leq C < 0,25 % R52-53: 0,0025 % \leq C < 0,025 %	
030-012-00-1	aluminium-magnesium-zinc-carbonate-hydroxide	423-570-6	169314-88-9	R53	R: 53 S: 61		
602-006-00-4	chloroform; trichloromethane	200-663-8	67-66-3	Carc. Cat. 3; R40 Repr. Cat. 3; R63 Xn; R20/22-48/20 Xi; R36/38	Xn R: 20/22-36/38-40-48/20-63 S: (2-)36/37		
603-097-00-3	1,1',1''-nitrotripropan-2-ol; triisopropanolamine	204-528-4	122-20-3	Xi; R36	Xi R: 36 S: (2-)26		
605-008-00-3	acrolein; prop-2-enal; acrylaldehyde	203-453-4	107-02-8	F; R11 T+; R26/28 T; R24 C; R34 N; R50	F; T+; N R: 11-24-26/28-34-50 S: (1/2-)23-26-28-36/37/39-45-61	C; R34: C \geq 0,1 % N; R50: C \geq 0,25 %	D
607-023-00-0	vinyl acetate	203-545-4	108-05-4	F; R11 Carc. Cat. 3; R40 Xn; R20 Xi; R37	F; Xn R: 11-20-37-40 S: 9-16-33-36/37		D

Nru tal-Indiċi	Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali	Nru tal-KE	Nru tal-CAS	Klassifikazzjoni	Tikkettar	Limiti tal-Konċentrazzjoni	Noti
607-613-00-8	reaction mass of: succinic acid monopersuccinic acid dipersuccinic acid monomethyl ester of succinic acid monomethyl ester of persuccinic acid dimethyl succinate glutaric acid monoperglutaric acid diperlutaric acid monomethyl ester of glutaric acid monomethyl ester of perglutaric acid dimethyl glutarate adipic acid monoperadipic acid diperadipic acid monomethyl ester of adipic acid monomethyl ester of peradipic acid dimethyl adipate hydrogen peroxide methanol water	432-790-1		C; R34 Xn; R20/21/22-68/20/21/22	C R: 20/21/22-34-68/20/21/22 S: (1/2-)26-28-36/37/39-45		
609-003-00-7	nitrobenzene	202-716-0	98-95-3	Carc. Cat. 3; R40 Repr. Cat. 2; R60 T; R23/24/25-48/23/24/25 R52-53	T R: 23/24/25-48/23/24/25-40-60-52/53 S: 45-53		
612-120-00-6	aclonifen (ISO); 2-chloro-6-nitro-3-phenoxyaniline	277-704-1	74070-46-5	Carc. Cat. 3; R40 R43 N; R50-53	Xn; N R: 40-43-50/53 S: (2-)36/37-60-61	R43: C ≥ 0,1 % N; R50-53: C ≥ 0,25 % N; R51-53: 0,025 % ≤ C < 0,25 % R52-53: 0,0025 % ≤ C < 0,025 %	
613-175-00-9	epoxiconazole (ISO); (2RS,3SR)-3-(2-chlorophenyl)-2-(4-fluorophenyl)-[(1H-1,2,4-triazol-1-yl)methyl]oxirane	406-850-2	133855-98-8	Carc. Cat. 3; R40 Repr. Cat. 2; R61 Repr. Cat. 3; R62 N; R51-53	T; N R: 61-40-62-51/53 S: 45-53-61		
616-200-00-1	reaction mass of N,N'-ethane-1,2-diylbis(hexanamide) and 12-hydroxy-N-[2-[(1-oxohexyl)amino]ethyl]octadecanamide and N,N'-ethane-1,2-diylbis(12-hydroxyoctadecanamide)	432-430-3		R53	R: 53 S: 61		

Nru tal-Indiċi	Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali	Nru tal-KE	Nru tal-CAS	Klassifikazzjoni	Tikkettar	Limiti tal-Konċentrazzjoni	Noti
648-055-00-5	pitch, coal tar, high-temp.; [The residue from the distillation of high temperature coal tar. A black solid with an approximate softening point from 30 °C to 180 °C (86 °F to 356 °F). Composed primarily of a complex mixture of three or more membered condensed ring aromatic hydrocarbons.]	266-028-2	65996-93-2	Carc. Cat. 1; R45 Muta. Cat. 2; R46 Repr. Cat. 2; R60-61 N; R50-53	T; N R: 45-46-60-61-50/53 S: 45-53-60-61	N; R50-53: C ≥ 0,025 % N; R51-53: 0,0025 % ≤ C < 0,025 % R52-53: 0,00025 % ≤ C < 0,0025 %	
649-330-00-2	naphtha (petroleum), hydrodesulphurized heavy; Low boiling point hydrogen treated naphtha; [A complex combination of hydrocarbons obtained from a catalytic hydrodesulfurization process. It consists of hydrocarbons having carbon numbers predominantly in the range of C7 through C12 and boiling in the range of approximately 90 °C to 230 °C (194 °F to 446 °F).]	265-185-4	64742-82-1	Carc. Cat. 2; R45 Muta. Cat. 2; R46 Xn; R48/20-65	T R: 45-46-48/20-65 S: 45-53		P
649-345-00-4	stoddard solvent; Low boiling point naphtha — unspecified; [A colourless, refined petroleum distillate that is free from rancid or objectionable odours and that boils in a range of approximately 148,8 °C to 204,4 °C (300 °F to 400 °F).]	232-489-3	8052-41-3	Carc. Cat. 2; R45 Muta. Cat. 2; R46 Xn; R48/20-65	T R: 45-46-48/20-65 S: 45-53		P
649-405-00-X	solvent naphtha (petroleum), medium aliph.; Straight run kerosine; [A complex combination of hydrocarbons obtained from the distillation of crude oil or natural gasoline. It consists predominantly of saturated hydrocarbons having carbon numbers predominantly in the range of C9 through C12 and boiling in the range of approximately 140 °C to 220 °C (284 °F to 428 °F).]	265-191-7	64742-88-7	Xn; R48/20-65	Xn R: 48/20-65 S: (2-)23-24-62		

ANNEX V

Nru tal-Indiċi	Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali	Nru tal-KE	Nru tal-CAS	Klassifikazzjoni	Tikkettar	Limiti tal-Konċentrazzjoni	Noti
031-001-00-4	gallium arsenide	215-114-8	1303-00-0	Carc. Cat. 2; R45 T; R48/23	T R: 45-48/23 S: 45-53		E
050-025-00-6	trichloromethylstannane	213-608-8	993-16-8	Repr. Cat. 3; R63	Xn R: 63 S: (2-)22-36/37		
050-026-00-1	2-ethylhexyl 10-ethyl-4-[[2-[(2-ethylhexyl)oxy]-2-oxoethyl]thio]-4-methyl-7-oxo-8-oxa-3,5-dithia-4-stannatetradecanoate	260-828-5	57583-34-3	Repr. Cat. 3; R63	Xn R: 63 S: (2-)22-36/37		
050-027-00-7	2-ethylhexyl 10-ethyl-4,4-dioctyl-7-oxo-8-oxa-3,5-dithia-4-stannatetradecanoate	239-622-4	15571-58-1	Repr. Cat. 2; R61	T R: 61 S: 45-53		
601-087-00-3	2,4,4-trimethylpentene	246-690-9	25167-70-8	F; R11 Xn; R65 R67	F; Xn R: 11-65-67 S: 9-16-33-62		D
606-145-00-1	sulcotrione (ISO); 2-[2-chloro-4-(methylsulfonyl)benzoyl]cyclohexane-1,3-dione		99105-77-8	Repr. Cat. 3; R63 Xn; R48/22 R43 N; R50-53	Xn; N R: 43-48/22-63-50/53 S: (2-)22-36/37-60-61	N; R50-53: C ≥ 25 % N; R51-53: 2,5 % ≤ C < 25 % R52-53: 0,25 % ≤ C < 2,5 % R43: C ≥ 0,1 %	
607-699-00-7	bifenthrin (ISO); (2-methylbiphenyl-3-yl)methyl <i>rel</i> -(1R,3R)-3-[(1Z)-2-chloro-3,3,3-trifluoroprop-1-en-1-yl]-2,2-dimethylcyclopropanecarboxylate		82657-04-3	Carc. Cat 3; R40 T; R23/25 Xn; R48/22 R43 N; R50-53	T; N R: 23/25-40-43-48/22-50/53 S: (1/2-)23-24-36/37-38-45-60-61	N; R50-53: C ≥ 0,0025 % N; R51-53: 0,00025 % ≤ C < 0,0025 % R52-53: 0,000025 % ≤ C < 0,00025 %	
607-700-00-0	indoxacarb (ISO); methyl (4aS)-7-chloro-2-((methoxycarbonyl)[4-(trifluoromethoxy)phenyl]carbamoyl)-2,5-dihydroindeno[1,2-e][1,3,4]oxadiazine-4a(3H)-carboxylate		173584-44-6	T; R25-48/25 Xn; R20 R43 N; R50-53	T; N R: 20-25-43-48/25-50/53 S: (1/2-)24-37-45-60-61	N; R50-53: C ≥ 25 % N; R51-53: 2,5 % ≤ C < 25 % R52-53: 0,25 % ≤ C < 2,5 %	
607-701-00-6	reaction mass of (S)- Indoxacarb and (R)- Indoxacarb 75:25; methyl 7-chloro-2-((methoxycarbonyl)[4-(trifluoromethoxy)phenyl]carbamoyl)-2,5-dihydroindeno[1,2-e][1,3,4]oxadiazine-4a(3H)-carboxylate		144171-61-9	T; R48/25 Xn; R20/22 R43 N; R50-53	T; N R: 20/22-43-48/25-50/53 S: (1/2-)24-37-45-60-61	N; R50-53: C ≥ 25 % N; R51-53: 2,5 % ≤ C < 25 % R52-53: 0,25 % ≤ C < 2,5 %	

Nru tal-Indiċi	Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali	Nru tal-KE	Nru tal-CAS	Klassifikazzjoni	Tikkettar	Limiti tal-Konċentrazzjoni	Noti
607-702-00-1	dihexyl phthalate	201-559-5	84-75-3	Repr. Cat. 2; R60-61	T R: 60-61 S: 45-53		
607-703-00-7	ammoniumpentade- cafluorooctanoate	223-320-4	3825-26-1	Carc. Cat. 3; R40 Repr. Cat. 2; R61 R64 T; R48/23 Xn; R20/22-48/21/22 Xi; R41	T R: 61-20/22-40-41- 48/23- 48/21/22-64 S: 45-53		
607-704-00-2	perfluorooctanoic acid	206-397-9	335-67-1	Carc. Cat. 3; R40 Repr. Cat. 2; R61 R64 T; R48/23 Xn; R20/22-48/21/22 Xi; R41	T R: 61-20/22-40-41-48/23- 48/21/22-64 S: 45-53		
612-282-00-8	octadecylamine	204-695-3	124-30-1	Xn; R48/22-65 Xi; R38-41 N; R50-53	Xn; N R: 38-41-48/22-65-50/53 S: (2-)26-36/37/39-60-61- 62	N; R50-53: $C \geq 2,5 \%$ N; R51-53: $0,25 \% \leq C < 2,5 \%$ R52-53: $0,025 \% \leq C < 0,25 \%$	
612-283-00-3	(Z)-octadec-9-enylamine	204-015-5	112-90-3	Xn; R22-48/22-65 C; R34 N; R50-53	C; N R: 22-34-48/22-65-50/53 S: (1/2-)23-26-36/37/39-45- 60-61-62	C; R34: $C \geq 10 \%$ Xi; R36/37/38: $5 \% \leq C < 10 \%$ N; R50-53: $C \geq 2,5 \%$ N; R51-53: $0,25 \% \leq C < 2,5 \%$ R52-53: $0,025 \% \leq C < 0,25 \%$	
612-284-00-9	amines, hydrogenated tallow alkyl	262-976-6	61788-45-2	Xn; R48/22-65 Xi; R38-41 N; R50-53	Xn; N R: 38-41-48/22-65-50/53 S: (2-)26-36/37/39-60-61- 62	N; R50-53: $C \geq 2,5 \%$ N; R51-53: $0,25 \% \leq C < 2,5 \%$ R52-53: $0,025 \% \leq C < 0,25 \%$	
612-285-00-4	amines, coco alkyl	262-977-1	61788-46-3	Xn; R22-48/22-65 C; R35 N; R50-53	C; N R: 22-35-48/22-65-50/53 S: (1/2-)23-26-36/37/39-45- 60-61-62	C; R35: $C \geq 10 \%$ C; R34: $5 \% \leq C < 10 \%$ Xi; R36/37/38: $1 \% \leq C < 5 \%$ N; R50-53: $C \geq 2,5 \%$ N; R51-53: $0,25 \% \leq C < 2,5 \%$ R52-53: $0,025 \% \leq C < 0,25 \%$	

Nru tal-Indiċi	Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali	Nru tal-KE	Nru tal-CAS	Klassifikazzjoni	Tikkettar	Limiti tal-Konċentrazzjoni	Noti
612-286-00-X	amines, tallow alkyl	263-125-1	61790-33-8	Xn; R22-48/22-65 C; R35 N; 50-53	C; N R: 22-35-48/22-65-50/53 S: (1/2-)26-36/37/39-45-60-61-62	N; R50-53: $C \geq 2,5\%$ N; R51-53: $0,25\% \leq C < 2,5\%$ R52-53: $0,025\% \leq C < 0,25\%$	
616-206-00-4	flufenoxuron (ISO); 1-(4-(2-cloro- α,α,α -p-trifluorotolyloxy)-2-fluorophenyl)-3-(2,6-difluorobenzoyl)urea	417-680-3	101463-69-8	R64 R33 N; R50-53	N R: 33-64-50/53 S: (2-)22-36/37-46-60-61	N; R50-53 $C > 0,0025\%$ N; R51-53 $0,00025\% < C < 0,0025\%$ R52-53 $0,000025\% < C < 0,00025\%$	
616-207-00-X	polyhexamethylene biguanide hydrochloride		27083-27-8 or 32289-58-0	Carc. Cat 3; R40 Xn; R22 T; R48/23 Xi; R41 R43 N; R50-53	T; N R: 22-40-41-43-48/23-50/53 S: (1/2-)22-36/37/39-45-60-61	N; R50-53: $C \geq 2,5\%$ N; R51-53: $0,25\% \leq C \leq 2,5\%$ R52-53: $0,025\% \leq C \leq 0,25\%$	
616-208-00-5	N-ethyl-2-pyrrolidone; 1-ethylpyrrolidin-2-one	220-250-6	2687-91-4	Repr. Cat. 2; R61	T R: 61 S: 45-53		
616-209-00-0	amidosulfuron (ISO); 3-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)-1-((N-methyl-N-methylsulfonylamino)sulfonyl)urea	407-380-0	120923-37-7	N; R50-53	N R: 50/53 S: 60-61	N; R50-53: $C \geq 0,25\%$ N; R51-53: $0,025\% \leq C < 0,25\%$ R52-53: $0,0025\% \leq C < 0,025\%$	
616-210-00-6	tebufenpyrad (ISO); N-(4-tertbutylbenzyl)-4-chloro-3-ethyl-1-methyl-1Hpyrazole-5- carboxamide		119168-77-3	Xn; R20/22 R43 N; R50-53	Xn; N R: 20/22-43-50/53 S: (2-)24-37-46-60-61	N; R50-53: $C \geq 2,5\%$ N; R51-53: $0,25\% \leq C < 2,5\%$ R52-53: $0,025\% \leq C < 0,25\%$	
616-211-00-1	proquinazid (ISO); 6-iodo-2-propoxy-3-propylquinazolin-4(3H)-one		189278-12-4	Carc. Cat. 3; R40 N; R50-53	Xn; N R: 40-50/53 S: (2-)36/37-46-60-61		

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 945/2013

tat-2 ta' Ottubru 2013

li japprova ċ-ċipermetrina bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 8

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali ⁽²⁾ jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Dik il-lista tinkludi ċ-ċipermetrina.
- (2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007, iċ-ċipermetrina ġiet evalwata skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fi prodotti tat-tip 8, preservattivi tal-injam, kif iddefiniti fl-Anness V għal dik id-Direttiva, li jikkorrispondu mal-prodotti tat-tip 8 kif iddefinit fl-Anness V għar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (3) Il-Belġju nħatar bħala l-Istat Membru Relatur u ressaq ir-rapport tal-awtorità kompetenti, flimkien ma' rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni fil-5 ta' Marzu 2010 skont l-Artikolu 14(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.
- (4) Ir-rapport tal-awtorità kompetenti ġie rrevedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 15(4)

tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, ir-riżultati tal-analiżi ġew inkorporati, fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali fit-12 ta' Lulju 2013, f'rapport ta' valutazzjoni.

- (5) Mill-valutazzjonijiet jidher li l-prodotti bijoċidali wżati għall-prodotti tat-tip 8 u li fihom ċ-ċipermetrina jistgħu jiġu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE.
- (6) Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi approvata ċ-ċipermetrina għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 8.
- (7) Billi l-evalwazzjoni ma indirizzatx in-nanomaterjali, l-approvazzjoni m'għandhiex tkopri tali materjali skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tkun approvata sustanza attiva, sabiex l-Istati Membri, il-partijiet interessati, u l-Kummissjoni fejn xieraq, jippreparaw irwieħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament, iċ-ċipermetrina għandha tiġi approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 8.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.⁽³⁾ ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

ANNEX

Isem Komuni	Isem tal-IUPAC Numri tal-Identifikazzjoni	Grad minimu tal-purezza tas-sustanza attiva (1)	Data tal-approvazzjoni	Data ta' skadenza tal-approvazzjoni	Tip ta' prodotti	Kundizzjonijiet speċifiċi (2)
Ċipermetrina	Ċipermetrina <i>cis:trans</i> /40:60 Isem IUPAC: (RS) - α -cjanu-3fenoxibenzil- (1RS) -cis, trans-3- (2,2-diklorovinil) -2,2-dimetilċiklopropan-karbossilat Nru CE: 257-842-9 Nru CAS: 52315-07-8	920 g/kg	fl-1 ta' Ġunju 2015	il-31 ta' Mejju 2025	8	<p>Il-valutazzjoni tal-prodott għandu jagħti attenzjoni partikolari fuq l-esponimenti, ir-riskji u l-effikaċja marbuta ma' xi użu kopert minn applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda mhux indirizzata fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni tas-sustanza attiva.</p> <p>L-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri operattivi sikuri u miżuri organizzattivi xierqa għall-utenti industrijali u professjonali. Fejn l-esponiment ma jistax jitnaqqas sa' livell aċċettabbli permezz ta' mezzi oħra, il-prodotti għandhom jintużaw flimkien ma' tagħmir personali protettiv adegwat. Għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa għat-taffija tar-riskju sabiex il-kompartimenti tal-ħamrija u dawk akkwatiċi jkunu protetti. B'mod partikolari: <ol style="list-style-type: none"> It-tikketti, u fejn ipprovduti, il-fuljetti tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għandhom jindikaw li l-applikazzjoni industrijali għandha titwettaq f'żona iżolata jew fuq bażi iebsa impermeabbli b'sistemi ta' iżolament, li hekk kif l-injam jiġi trattat jinħażen taħt għata u/jew fuq bażi iebsa impermeabbli, biex jiġu evitati rilaxxi diretti fil-ħamrija jew l-ilma, u li kwalunkwe rilaxx mill-applikazzjoni tal-prodott jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi; Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għal trattament industrijali permezz tat-tgħaddis jew tal-isprejjar tal-injam li se jkun espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx dejta biex turi li l-prodott mhux se jippreżenta riskji mhux aċċettabbli, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskji. Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għal trattament ta' kostruzzjonijiet fuq barra ħdejn jew fuq l-ilma, jew għat-trattament tal-injam li se jkun se jintuża għal kostruzzjonijiet fuq barra permezz tat-tgħaddis jew tal-isprejjar tal-injam ħdejn jew fuq l-ilma, sakemm ma titressaqx dejta biex turi li l-prodott mhux se jippreżenta riskji mhux aċċettabbli, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskji.

(1) Il-purezza indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purezza tas-sustanza attiva użata għall-ewvalwazzjoni li saret skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Is-sustanza attiva fil-prodott imqiegħed fis-suq tista' tkun ta' purezza ugwali jew differenti, jekk tkun ġiet ippruvata teknikament ekwivalenti għas-sustanza attiva evalwata

(2) Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti ta' valutazzjoni huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni: <http://ec.europa.eu/comm/environment/biocides/index.htm>

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 946/2013

tat-2 ta' Ottubru 2013

dwar il-ħlasijiet bil-quddiem li għandhom isiru mis-16 ta' Ottubru 2013 tal-pagamenti diretti elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 29(4)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistipula li pagamenti taħt skemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament għandhom isiru matul il-perjodu mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara. Madanakollu, l-Artikolu 29(4)(a) ta' dak ir-Regolament jippermetti lill-Kummissjoni li tipprovdi għall-pagamenti bil-quddiem.
- (2) It-temp xejn favorevoli fl-Ewropa, b'xitwa u ammonti tax-xita qliel li wasslu għal għargħar qawwi fxi Stati Membri, ikkawżaw ħsarat serji lill-produzzjoni tal-għelejjet tar-raba' u tal-għalf fl-2013. B'riżultat ta' dan, il-bdiewa kellhom jaffrontaw diffikultajiet finanzjarji enormi, b'mod partikolari l-produtturi tal-ifrat. Dawn id-diffikultajiet ikomplu jiżdiedu bl-effetti tal-kriżi finanzjarja li għaddejjja bħalissa li wasslet sabiex diversi bdiewa kellhom jaffrontaw problemi serji ta' likwidità. Sabiex il-bdiewa jkunu megħjuna jtaffu dawn id-diffikultajiet, ikun xieraq li dawn ikunu jistgħu jirċievu pagamenti bil-quddiem sa 50 % tal-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Fir-rigward tal-pagamenti taċ-ċanga u l-vitella stipulati fit-Taqsima 11 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati wkoll biex iżidu l-ħlas tal-pagamenti bil-quddiem kif imsemmija fl-Artikolu 82 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009⁽²⁾, sa 80 % tal-ħlas.

- (3) Sabiex ikun żgurat li l-pagamenti bil-quddiem jingħaddu mas-sena tal-baġit 2014, dawn għandhom isiru mis-16 ta' Ottubru 2013. Il-verifika meħtieġa dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà skont l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandha ssir xorta waħda qabel il-ħlas tal-pagamenti bil-quddiem, fl-interess ta' ġestjoni finanzjarja tajba.
- (4) Skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005⁽³⁾, il-Kunsill jista' jadotta r-rata ta' aġġustament għall-ħlasijiet diretti sal-1 ta' Diċembru, fuq proposta mill-Kummissjoni, abbażi ta' tagħrif ġdid fil-pussess tagħha. Bħala konsegwenza, ir-rata ta' aġġustament ta' dixxiplina finanzjarja msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 eventwalment applikata tista' ma tkunx magħrufa sas-16 ta' Ottubru 2013. Għaldaqstant l-akbar ħlas bil-quddiem li jista' jitħallas għandu jiġi stabbilit bħala persentaġġ tal-pagamenti diretti qabel l-aġġustament imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Il-ħlas definittiv wara l-1 ta' Diċembru 2013 se jqis ir-rata ta' aġġustament finali ta' dixxiplina finanzjarja applikabbli f'dak iż-żmien.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mis-16 ta' Ottubru 2013, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu pagamenti bil-quddiem lill-bdiewa sa 50 % tal-pagamenti diretti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-applikazzjonijiet magħmula fl-2013 mingħajr ma jitqies l-aġġustament msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, bil-kundizzjoni li tkun tlestiet il-verifika dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Fir-rigward tal-pagamenti taċ-ċanga u l-vitella stipulati fit-Taqsima 11 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati biex iżidu sa 80 % l-ammont imsemmi fl-ewwel paragrafu.

⁽¹⁾ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 dwar l-iskemi ta' appoġġ għal bdiewa stipulati fit-Title IV u V tiegħu (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 27).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 947/2013**tat-2 ta' Ottubru 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	61,5
	ZZ	61,5
0707 00 05	MK	41,5
	TR	116,3
	ZZ	78,9
0709 93 10	TR	123,3
	ZZ	123,3
0805 50 10	AR	105,3
	CL	124,6
	IL	107,9
	TR	90,6
	UY	127,6
	ZA	120,8
	ZZ	112,8
0806 10 10	BR	255,6
	MK	27,7
	TR	151,4
	ZZ	144,9
0808 10 80	AR	246,9
	BA	76,8
	CL	139,1
	NZ	143,5
	US	160,2
	ZA	136,0
0808 30 90	ZZ	150,4
	AR	200,7
	CL	199,9
	CN	86,3
	TR	131,2
	ZA	165,9
	ZZ	156,8

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2013/47/UE

tat-2 ta' Ottubru 2013

li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/36/UE tad-19 ta' Novembru 2012 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan ⁽²⁾ tippovdi għal adattament tekniku tal-Anness II tagħha f'rabta mal-ispeċifikazzjonijiet tal-vetturi ttestjati filwaqt li tikkunsidra l-evoluzzjoni teknika tal-klassijiet differenti tal-vetturi.
- (2) L-Anness II, I, B il-punt 5.2 tad-Direttiva 2006/126/KE, kif emendat permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/36/UE, jistabbilixxi li l-vetturi tal-Kategorija A użati fit-testijiet tal-ħiliet u l-aġir għandhom ikunu konformi ma' ċerti kriterji minimi. B'mod partikolari, il-muturi użati għat-test għandu jkollhom massa mingħajr tagħbija ta' iktar minn 180 kg, b'rata tal-potenza ta' mill-inqas 50 kW. Jekk il-mutur jaħdem b'magna interna kombustibbli, il-kapaċità kubika trid tkun mill-inqas 600 cm³. Jekk il-mutur jaħdem b'magna tal-elettriku, il-proporzjon ta' potenza għall-piż tal-vettura għandu jkun ta' mill-inqas 0,25 kW/kg;
- (3) Bil-ħsieb li s-settur tat-taħriġ jitħalla jadatta t-tagħmir tiegħu inkluż il-muturi għall-evoluzzjoni teknoloġika tal-vetturi disponibbli fis-suq, għandu jiġi introdott perjodu tranżitorju biex jippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw l-użu tal-muturi tal-Kategorija A f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet kif kienu jeżistu qabel l-emendi introdotti permezz tad-Direttiva 2012/36/UE sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (4) Id-Direttiva 2006/126/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-liċenzji tas-sewqan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness II, I, B, il-punt 5.2 tad-Direttiva 2006/126/KE dwar il-vetturi għall-Kategorija A, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu tal-muturi tal-Kategorija A li l-massa mingħajr tagħbija tagħhom hija ta' inqas minn 180 kg, u b'rata tal-potenza ta' mill-inqas 40 kW iżda inqas minn 50 kW, sal-31 ta' Diċembru 2018."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 321, 20.11.2012, p. 54.

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

